**MALTA**

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT Dr IAN FARRUGIA LL. D**

**Illum 26 ta' Gunju 2019**

**IL-PULIZIJA**
**(Spettur James Grech)**

**Vs**

**CHRISTIAN VELLA**

Kump Nru. 1334/2010

**IL-QORTI**;

Rat li l-imputat **Christian Vella** ta' 25 sena**,** iben Joseph u Emanuela nee' Delia, imwieled Pieta fl-1 ta' Ottubru 1985, residenti 37, Sqaq Bormla, Bormla u detentur tal-karta tal-identita bin-numru 497685M gie akkuzat talli nhar l-20 ta' Frar 2010 ghall-habta tal-11:00hrs gewwa Triq l-Assedju l-Kbir, Floriana waqt li kont qed taghmel uzu minn vettura bin-numru ta' registrazzjoni DAB901 tal-ghamla Mitsubishi;

1. B'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghek, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, ikkagunajt

offiza gravi fuq il-persuna ta’ Michele Galea detentur tal-karta tal-identita bin-numru 44533M kif iccertifikat minn Dr. Bianca Farrugia Parsons Med. Reg. 5193.

Rat l-atti u d-dokumenti (l-atti processwali) li ghaddew ghand din il-Qorti wara assenjazzjoni ufficjali li sehhet f’Awwissu tas-sena 2013, u dana peress li l-Magistrat li kien jippresjedi fil-Qorti tal-Magistrati gie elevat ghal Imhallef;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali tal-10 t’April 2012 (ara *folio*12) sabiex din il-kawza titmexxa bil-procedura sommarja;

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti esebiti;

Qieset id-depozizzjonijiet tax-xhieda kollha mressqa f’dawn il-proceduri;

Semghet is-sottomissjonijiet finali;

**Ikkunsidrat;**

Illi dak li rrizulta f’dan il-process kien fil-qosor is-segwenti.

Nhar l-20 ta’ Frar 2010 ghall-habta tal-11:00am l-imputat kien qed isuq il-vettura tieghu DAB901 fi Triq l-Assedju l-Kbir, Floriana. Precizament hu kien gej minn naha ta’ fuq – direzzjoni lejn il-monument tal-gwerra fil-Floriana, fl-inhawi tal-pompa tal-petrol. Meta hu kien ftit qabel il-pompa tal-petrol, isuq b’velocita normali, jidher illi l-anzjan Michele Galea kien qed jimxi in-naha tal-pompa tal-petrol direzzjoni lejn il-monument. Michele Galea kien allura qed jimxi fl-istess direzzjoni li kien ghaddej fiha l-imputat.

Kien f’dan il-mument li l-imputat laqat lill-Michele Galea, li spicca fuq il-windscreen tal-vettura tal-imputat, u malli l-imputat waqqaf il-vettura, l-istess Michele Galea spicca mal-art ftit il-boghod mill-vettura tal-imputat u qrib hafna

ta’ wara ta’ vettura ohra li kienet ipparkjata (LEO 046) li kienet ghada kif hadet il-petrol.

Ir-ritratti mehuda minn PS644 Evan Camilleri u esebiti bhala Dok.2 jaghtu stampa aktar cara tal-lok fejn sehh l-incident.

Konsegwenza ta’ dan l-incident, Michele Galea sofra griehi ta’ natura gravi kif jirrizulta mic-certifikat mediku Dok.4 *a folio* 28.

**Ikkunsidrat;**

Illi r-rizultanzi processwali jindikaw oggettivament illi l-imputat, minhabba grad ta’ negligenza, huwa skond il-ligi responsabbli ghall-incident mertu ta’ din il-kawza. Ghal xi raguni jew ohra jidher illi fil-mument krucjali, l-imputat ma kellux *a proper look out* tas-sitwazzjoni ta’ madwaru. Dawn l-istess rizultanzi processwali b’ebda mod ma jindikaw xi forma ta’ kontributorjeta da parti tal-anzjan Michele Galea.

**Ikkunsidrat;**

Dwar l-ahjar sanzjoni il-Qorti qed tqis li f’dan il-kaz ma kienx hemm velocita involuta u kien biss sfortuna - dovuta ghan-nuqqas ta’ attenzjoni sufficjenti da parti tal-imputat - li l-anzjan gie mtajjar.

**Decide;**

**Ghall-dawn il-motivi l-Qorti** wara li rat l-Artikolu 226 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, ssib lill-imputat **Christian Vella** hati tal-imputazzjoni kif dedotta u tilliberah bil-kondizzjoni li ma jaghmel ebda reat fi zmien sentejn mill-lum u dana kollu bis-sahha tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta` Malta.

In oltre il-Qorti tordna l-iskwalifika tal-licenzji kollha tas-sewqan tieghu ghal tmint ijiem (8) liema perjodu jibda jsehh mill-mument li din il-kawza tghaddi in gudikat.

Il-Qorti fissret lill-hati fi kliem car u li jinftiehem il-konsegwenzi jekk hu jaghmel xi reat iehor matul il-perjodu msemmi ta' sentejn.

Dr Ian Farrugia LLD
Magistrat

Marica Mifsud
Deputat Registratur